3.2. Il-persuna nominata trid tagħżel bejn kuntratt A jew B mal-ħatra tagħha. Hi tkun intitolata għall-benefiċċji u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-Union kompetenti.

4.1. Il-persuna nominata bħala *Consultant Obstetrician and Gynaecologist* tkun tifforma parti mid-Dipartiment tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija u taqa' taħt id-Direttur tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija. Hi tkun meħtieġa li tieħu sehem fl-attivitajiet u fil-programm tat-tagħlim tad-Dipartiment tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija.

4.2. Il-persuna nominata tkun trid taħdem fl-Ostetriċja u Ġinekoloġija u jkollha responsabbiltà fis-Swali, *Operating Theatres* u l-Kliniċi kollha tad-Dipartiment kif tkun imqabbda mid-Direttur tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija.

in writing by the Department of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by Department of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) within seven days.

18th May, 2010

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant Obstetrician and Gynaecologist in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced Medical Practitioners for the post of Consultant Obstetrician and Gynaecologist in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

2. The appointment shall be made in accordance with the provisions of the collective agreement between Government and the Union.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Health, the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee shall choose between contract types A or B on his/her appointment. He/She will be entitled to such benefits and subject to such conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4.1. The Consultant Obstetrician and Gynaecologist will form part of the Department of Obstetrics and Gynaecology and will be directly accountable to the Director of Obstetrics and Gynaecology. He/She will be expected to take part in the activities of the Department of Obstetrics and Gynaecology and to participate in its teaching programme.

4.2. The appointee will perform duties in Obstetrics and Gynaecology and shall have responsibility in all the Wards, Operating Theatres and Clinics pertaining to the Department as designated by the Director of Obstetrics and Gynaecology.

4.3. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tagħmel *ward rounds* fis-swali tal-maternità u tan-nisa u li tagħmel listi ta' operazzjonijiet kif ukoll kirurġija ta' emerġenza fil-każi tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija.

4.4. Il-persuna nominata tkun meħtieġa tieħu sehem fi proġetti kontinwi kif ikun indikat mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija.

4.5. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-Ċentri tas-Saħħa skont programmi approvati dwar kura fil-komunità u tista' wkoll tkun meħtieġa li tagħti servizz fi kwalunkwe estensjoni li tista' ssir fil-futur dwar is-servizzi tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali.

4.6. Meta l-persuna nominata tkun *Admitting Consultant* (fuq xogħol) tista' tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti skont l-esiġenzi tas-servizz. Hi għandha, dakinhar filgħaxija, iddur is-sala biex taċċerta, sakemm hu prattikabbli, li kull dħul ta' emerġenza li jsir wara nofsinhar u kmieni filgħaxija jiġi eżaminat minnha fl-istess ġurnata tad-dħul.

4.7. Il-persuna nominata jista' jkollha bżonn li taqsam ir-riżorsi ma' Konsulenti u ditti eżistenti. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta li d-dixxiplina u l-prattika fis-sala (inklużi l-aspetti tal-iġjene) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tagħha, ikunu tal-ogħla livell possibbli.

4.8. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni għall-i*staff* li jieħu ħsieb il-pazjenti taħt il-kura tagħha.

4.9. Il-persuna nominata tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ.

4.10. Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizzi u verifika medika.

4.11. Dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.12. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

4.3. The appointee will be required to carry out ward rounds in the maternity and female wards and to perform operation lists as well as emergency surgery in cases of Obstetrics and Gynaecology.

4.4. The appointee will be expected to participate in any ongoing projects as indicated by the Director of the Department of Obstetrics and Gynaecology.

4.5. The appointee may be required to hold regular specialised clinics in the Health Centres in accordance with approved community care programmes and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

4.6. When the appointee is the Admitting Consultant (on call) he/she may be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service. He/She is to perform an evening ward round on that date with a view to ensuring, as far as it is reasonably practicable, that emergency admissions in the afternoon and early evening are seen by him/her on the same day of admission.

4.7. The appointee may be required to share resources with existing Consultants and firms. The appointee shall be responsible to ensure that ward discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care are of the highest possible level.

4.8. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an ongoing (continuing) training and education programme in respect of the staff caring for the patients under his/her charge.

4.9. The appointee will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as required.

4.10. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

4.11. Any other duties according to the exigencies of the Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

4.12. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenzja biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) (i) Ikollhom Ċertifikat maħruġ mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta li t-taħriġ fl-*Obstetrics and Gynaecology* huwa komplut;

JEW

(ii) ikollhom isimhom imniżżel fl-*Obstetrics and Gynaecology Specialist Register;*

JEW

(iii) ikunu approvati li isimhom jitniżżel fl-*Obstetrics and Gynaecology Specialist Register;*

e) ikollhom sentejn *full-time* esperjenza bħala speċjalisti fl-*Obstetrics and Gynaecology*;

f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) (i) be in possession of a certificate of completion of training in Obstetrics and Gynaecology by the local Specialist Accreditation Committee;

OR

(ii) inclusion in the Obstetrics and Gynaecology Specialist Register;

OR

(iii) be approved for inclusion in the Obstetrics and Gynaecology Specialist Register;

e) have two years full time experience as a specialist in Obstetrics and Gynaecology;

f) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand kandidati li m'għandhomx is-sentejn *full-time* esperjenza bħala speċjalisti fl-*Obstetrics and Gynaecology* kif indikat f'paragrafu 5(e) bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 5(a) (b) (c) u (d). Jekk ħadd mill-kandidati ma jissodisfa l-kundizzjoni ta' paragrafu 5(e), dan l-istess paragrafu 5(e) ma jkunx ikkunsidrat għall-kandidati kollha. Iżda, jekk saħansitra wieħed/waħda mill-kandidati jissodisfa/tissodisfa l-kundizzjoni ta' paragrafu 5(e), din l-istess kundizzjoni tiġi mitluba mingħand l-applikanti l-oħra kollha.

6. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of two years full-time experience as specialists in Obstetrics and Gynaecology as indicated in paragraph 5(e) provided they satisfy the requirements stated in paragraphs 5 (a), (b), (c) and (d). If none of the candidates satisfies the provisions of paragraph 5(e) then the said paragraph 5(e) will be considered as waived for all candidates. If, however, even only one candidate satisfies the provisions of paragraph 5(e), then such provisions will be required also from all other candidates.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill- Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Health, the Elderly and Community Care and copied to NCPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry for Health, the Elderly and Community Care by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (eskluži kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage),* li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-

8.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Employment and the Family or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original

oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Palazz, Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Ġunju 2010.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' fax jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Ġunju 2010 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand l-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) mhux aktar tard

presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time-limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Personnel Section Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 11th June 2010.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 11th June 2010 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Assistant Director, Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) by not later than one week after the

minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità). Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-18 ta' Mejju, 2010

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Radiographer* (*Therapy*) fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Radiographer (Therapy)* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2.1 Il-post ta' *Radiographer (Therapy)* għandu salarju ta' €13,809 fis-sena, li jiżdied b'€354 fis-sena sa massimu ta' €15,933 (Skala ta' Salarju Nru. 12). Persuna fil-grad ta' *Radiographer (Therapy)* tiġi promossa fil-grad ta' *Radiographer (Therapy)* Anzjan fi Skala ta' Salarju 10 €15,668 x €407.67 - €18,114 wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' *Radiographer (Therapy)* li għandha xi *degree* rikonoxxuta fir-Radjografija Terapewtika titqiegħed fi Skala ta' Salarju 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree*, skont liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' *Radiographer (Therapy)* gradwata tiżdied fis-salarju għal Skala ta' Salarju 9 €16,690 x €447.33– €19,374 meta' tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' *Radiographer (Therapy)* gradwat. Persuna fil-grad ta' *Radiographer (Therapy)* gradwata tiġi promossa għall-grad ta' *Radiographer (Therapy)* Anzjan wara sentejn servizz fil-grad ta' *Radiographer (Therapy)* jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the Department of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Department of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by Department of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) within seven days.

18th May, 2010

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Radiographer (Therapy) in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the posts of Radiographer (Therapy) in the Ministry for Health , the Elderly and Community Care.

2.1 The post of Radiographer (Therapy) carries a salary of €13,809 per annum, rising by annual increments of €354 up to a maximum of €15,933 (Salary Scale 12). A Radiographer (Therapy) will be promoted to the grade of Senior Radiographer (Therapy) in Salary Scale 10 €15,668 x €407.67 - €18,114 on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. A Radiographer (Therapy) in possession of a recognised degree in Therapeutic Radiography will be placed in Salary Scale 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Radiographer (Therapy) will progress to Salary Scale 9 €16,690 x €447.33 – €19,374 on completion of two years service as graduate Radiographer (Therapy). A graduate Radiographer (Therapy) will be promoted to Senior Radiographer (Therapy) on completion of two years service in the grade of Radiographer (Therapy), subject to satisfactory performance.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għas-Saħħa,l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4.1. Il-persuna fil-post ta' *Radiographer (Therapy)* tkun taqa direttament taħt il-*Manager* tas-Servizzi tar-Radjoterapija u fl-aħħarnett taħt il-*Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tal-Onkoloġija u Radjoterapija.

4.2, Id-dmirijiet ta' *Radiographer (Therapy)* jinkludu:

a) it-tħaddim u ż-żamma f'kundizzjoni tajba tat-tagħmir relatat ma' Radjoterapija u l-ippjanar ta' proċeduri;

b) Jagħmel kontrolli tal-kwalità fuq il-magni ta' trattament kollha;

ċ) assigurazzjoni u għotja ta' parir lill-pazjenti waqt it-trattament tagħhom;

d) sorveljanza tal-*filing* u ċ-ċaqliq ta' *records* u dokumenti ta' pazjenti u ta' tagħmir;

e) Iċċekkjar tal-ammont ta' raġġi li qegħdin jingħataw;

f) dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

g) użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Personnel,* Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikulta l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Health, the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4.1. The person holding the post of Radiographer (Therapy) will be directly accountable to the Manager Radiotherapy Services and ultimately to the Clinical Chairperson Department of Oncology and Radiotherapy.

4.2. The duties of a Radiographer (Therapy) include :

a) operation and maintenance of equipment related to Radiotherapy and planning procedures;

b) Performing Quality Control checks on all treatment machines;

c) reassuring and advising patients during their course of radiation treatment;

d) supervision of the filing and movement of records and documents of patients and equipment.

e) Routine check of radiation doses delivered.

f) any other duties according to the exigencies of the Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

g) will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom ċertifikat li juri li huma rreġistrati bħala *Radiographer (Therapy)* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina (Malta);

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorita' kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet specjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a certificate of registration as Radiographer (Therapy) with the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Health, the Elderly and Community Care and copied to the NCPD.

7.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which

tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

7.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

7.3. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Universita' ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage),* li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

8.2. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitnizzel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.3 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

8.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-

should either be attached to the application or sent separately to the Ministry for Health, the Elderly and Community Care by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Employment and the Family or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time-limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

8.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

8.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organizations.

8.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

8.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service

Servizz Pubbliku, il-Palazz, Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

10. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Ġunju 2010.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Ġunju 2010 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità), mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

13. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sal-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-18 ta' Mejju, 2010

Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

9. The selected candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Personnel Section, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana.

11. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 11th June 2010.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 11th June 2010 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry for Health, the Elderly and Community Care by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the Department of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Department of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Department of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) within seven days.

18th May, 2010

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Pożizzjoni ta' *Registrar*
fl-Istitut tal-Istudji Turistiċi
fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol
u l-Familja**

**Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Registrar* fl-Istitut tal-Istudji Turistiċi fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja.

2.1. Il-persuna magħżula hi mistennija li tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *Registrar* fl-Istitut tal-Istudji Turistiċi fil-Minsteru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Registrar* matul il-perjodu tal-*assignment*, ikollha l-*assignment* tagħha terminat.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv/*indefinite status* tagħha waqt il-perjodu tal-*assignment* u terġa' lura għall-grad sustantiv/*indefinite status* tagħha meta jintemm l-*assignment*. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impjieg tagħha mal-Istitut tal-Istudji Turistiċi fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm fil-każ li jiġi tterminat l-*assignment*.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-*assignment*, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 10, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' *Registrar* fl-Istitut tal-Istudji Turistiċi fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 10 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif provdut bl-*assignment* fis-seħħ.

2.4 Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 10, bħalissa €18,114. Għall-fini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93) (fejn applikabbli), id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tal-persuna u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*, f'każ li tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Position of Registrar at the
Institute of Tourism Studies
in the Ministry of Education, Employment
and the Family**

**In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclature denoting the male gender include also the female gender*

The Public Service Commission invites applications for the position of Registrar at the Institute of Tourism Studies in the Ministry of Education, Employment and the Family.

2.1. The selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as Registrar at the Institute of Tourism Studies in the Ministry of Education, Employment and the Family. Unsatisfactory performance as Registrar during the assignment period will lead to termination of the assignment.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade/indefinite status during the assignment period and will revert to his/her substantive grade/indefinite status on the termination of the assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, his/her service with the Institute of Tourism Studies in the Ministry of Education, Employment and the Family as well as with the Government of Malta will be discontinued in case of termination of assignment.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, and during the assignment period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 10, he/she will be required to relinquish the duties of Registrar and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 10 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

2.4. The salary attached to the position of Registrar is equivalent to the maximum point of Salary Scale 10, currently €18,114. For the purpose of the Pensions Ordinance (Cap. 93) (where applicable), the difference between the salary to which the selected candidate is entitled by virtue of the substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance, in case he/she is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service.

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Registrar* fl-Istitut tal-Istudji Turistiċi fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja jinkludu:

a. Tkun responsabbli għat-tmexxija tal-uffiċċju tar-*Registrar* u tirraporta direttament lid-Deputat Direttur tal-ITS u ċ-*Chairman ITS;*

b. Tieħu ħsieb ir-reklutaġġ ta' studenti kemm *full-time* kif ukoll *part-time*, filwaqt li żżomm *files* u *records* aġġornati. Tieħu ħsieb ukoll li żżomm *records* dwar il-progress tal-istudent fil-kors tal-istudji;

ċ. Tieħu ħsieb l-iskedar ta' kmamar, għalliema u *time-tables* tal-istudenti;

d. Tipprepara l-programm ta' *Induction* għall-istudenti tal-ewwel sena flimkien mal-għalliema u organizzazzjonijiet li jieħdu sehem bħal banek u oħrajn. Persuna fil-pożizzjoni ta' Registrar tista' tintalab tkellem student kif meħtieġ;

e. Iżżomm aġġornat il-Prospett u r-*Rules and Regulations* tal-ITS. Iżżur skejjel in konnessjoni ma' pariri dwar karrieri u tikkoordina l-parteċipazzjoni tal-ITS f'wirjiet dwar karrieri;

f. Eżamijiet – organizzazzjoni u kordinazzjoni tal-*pre-entry* tests u l-intervisti għall-istudenti tal-ewwel sena. Organizzazzjoni tal-eżamijiet (kemm tal-ITS kif ukoll eżamijiet ta' bordijiet barranin) u *re-sits*. L-organizzazzjoni tal-*Invigilators*, il-ġabra, kitba u ħruġ tar-riżultati. Koordinazzjoni mat-*Team Coordinators* u għalliema dwar il-preparazzjoni tal-karti tal-eżamijiet, il-ġbir tar-riżultati u l-kumpilazzjoni tar-riżultati;

g. Ċerimonja tal-Gradwazzjoni – verifika tar-riżultati tal-istudenti u l-eliġibbiltà biex l-istudenti jiggradwaw. L-organizzazzjoni tal-programm inkluż il-kordinazzjoni mal-*isponsors;*

h. Kwestjonarji- Tqassim u ġbir tal-*course reviews* tal-istudenti. Tqabbel rapporti ta' snin ta' qabel u tqassamhom u tiddiskutihom mal-*team coordinators*;

i. Timmaniġġa l-*helpline* tal-ITS filwaqt li tagħti risposta għal kull talba. Tattendi l-laqgħat tat-*team coordinators* u l-*planning meetings* kif indikat mid-Deputat Direttur tal-ITS u/jew iċ-*Chairman* tal-ITS;

j. Ġbir u aġġornament ta' *data* dwar l-ITS għall-użu intern kif ukoll għall-organizzazzjonijiet barranin;

k. Dawk id-dmirijiet oħra assenjati minn żmien għal żmien mid-Deputat Direttur u/jew miċ-*Chairman* tal-ITS;

3. The duties of Registrar at the Institute of Tourism Studies in the Ministry of Education, Employment and the Family include:

a. Responsibility for the overall running of the Registrar's Office and reports directly to the Deputy Director ITS and the Chairman ITS;

b. Preparing all necessary work in connection with the recruitment of full-time and part-time students, keeping updated students' files and records as well as students' progression;

c. Scheduling office, room allocation, lecturers and students time tables;

d. Preparing the induction programme for all first year students. Coordinating programme and informing lecturers involved. Make all arrangements with other organizations participating in the induction (banks, etc). Address students as required;

e. Updating of ITS Prospectus and the ITS rules and regulations. Visiting schools in connection with career counseling and coordinating ITS participation in Careers Exhibitions;

f. Examinations – Organising and coordinating pre-entry tests and interviews of first-year students. Organising examination sessions (ITS and Overseas Boards) and re-sits, coordinating invigilating, inputting of results and issuing of results to students. Coordinating with team coordinators and lecturers on the preparation of question papers, collecting results and compiling results;

g. Graduation Ceremony- Vetting of students' results for eligibility of graduation. Organising the programme and coordinating with sponsors;

h. Questionnaires – Issuing and distributing students course reviews. Comparing reports with previous years and circulating and discussing with team coordinators;

i. Managing the ITS Helpline and the replies to all queries and requests. Attending Team Coordinators and planning meetings as directed by the Deputy Director and/or Chairman ITS;

j. Collecting and updating ITS Data for internal and external bodies;

k. Any other duties assigned from time to time by the Deputy Director and / or the Chairman ITS;

l. Dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Prinċipali Permanenti.

4. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(i) (a) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(b) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(ċ) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'kaz ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw il-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(d) ikunu l-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(a), (b) u (ċ) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Affarijiet Barranin;

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ) u (d) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) ikollhom, jew ikunu ġew approvati biex jingħataw, *first degree* fit-*Tourism Studies* jew kwalifika oħra rikonoxxuta, xierqa u komparabbli;

(iv) ikollhom għarfien tajjeb dwar l-industrija tat-Turiżmu Lokali kif ukoll dik barranija;

(v) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern u jagħtu d-dettalji).

5. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li għandhom esperjenza ta' xogħol f' pożizzjoni maniġerjali.

l. Any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

4. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta;

OR

(b) citizens of another European Union member state;

OR

(c) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(d) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (a), (b) and (c) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs;

The appointment of candidates referred to at (b), (c) and (d) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) in possession, or have been approved for the award, of a first degree in Tourism Studies, or a recognised appropriate comparable qualification;

(iv) have a sound knowledge of the Tourism Industry Local and Overseas

(v) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a recent Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5. Due consideration will be given to applicants who have work experience in a managerial position.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont Sezzjoni 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-*iscanner* huma aċċettabbli.

7.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

7.3 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalfiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Insitute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413) even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.3 It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage) to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Employment and the Family or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

8.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal *interview* minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

8.2 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.3 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatt għal din il-pożizzjoni.

10. ll-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn *il-websites:*

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mil-Istitut tal-Istudji Turistiċi, c/o *Customer Care*, Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana jew mill-*Customer Services*, Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

11. L-applikazzjonijiet, flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mill-Istitut tal-Istudji Turistiċi, c/o *Customer Care*, Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana jew mill-*Customer Services*, Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Ġunju 2010.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 11 ta' Ġunju 2010 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand l-Istitut tal-Istudji Turistiċi, c/o *Customer*

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry of Education, Employment and the Family.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within (10) ten working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

9. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

10. Application forms may be downloaded from the following websites:

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Institute of Tourism Studies c/o Customer Care, Ministry of Education, Employment and the Family, Great Siege Road, Floriana or Customer Services, Education Office, Victoria Gozo.

11. Applications, together with a *curriculum vitae* including qualifications and experience, will be received in the first instance by the Institute of Tourism Studies, c/o Customer Care, Ministry of Education, Employment and the Family, Great Siege Road, Floriana or Customer Services, Education Office, Victoria, Gozo by not later than noon (Central European Time) of Friday, 11th June 2010.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 11th June 2010 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Institute of Tourism Studies, c/o Customer Care, Ministry of Education,

Care, Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana jew mill-*Customer Services*, Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat Għawdex mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-fax tad-Dipartiment riċeventi hu +365-21225630.

13. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-18 ta' Mejju, 2010

DIPARTIMENT TAL-PULIZIJA

Applikazzjonijiet għal Dħul fil-Kors ta' Taħriġ għall-Kuntistabbli Rġiel u Nisa

Il-Kummissarju tal-Pulizija jilqa' applikazzjonijiet mingħand kandidati rġiel u nisa għad-dħul f'kors ta' sena għal kuntistabbli fl-Akkademja tal-Pulizija. Matul iż-żmien li l-kandidati jkunu jattendu l-kors fl-Akkademja jitħallsu l-paga minima nazzjonali kurrenti u nofs il-*bonus,* skont l-artikolu 29 tar-Regolamenti dwar Kundizzjonijiet tal-Impieg sakemm joħroġ ir-riżultat tal-eżamijiet finali mill-Akkademja tal-Pulizija.

2 (i) Il-kandidati jridu jkunu:

(a) għalqu t-tmintax (18)-il sena iżda mhux it-tletin (30) sena fil-11 ta' Ġunju, 2010.

(b) twal, fil-każ tal-irġiel, mhux anqas minn 1.70m u fil-każ tan-nisa, mhux anqas minn 1.65m meta jitkejlu ħafjin.

(ċ) ikollhom tal-anqas grad ta' D jew 6, f'mhux anqas minn 3 suġġetti f'livell Ordinarju; tnejn minnhom iridu jkunu fil-Malti u fil-lingwa Ingliża jew ikollhom BTEC/MCAST first diploma jew diploma minn università rikonoxxuta. Jiġu kkunsidrati wkoll dawk l-applikanti li jkollhom *'pass'* fl-Livell 2 tas-City & Guilds fi kwalunkwe suġġett. Tingħata preferenza lil dawk l-applikanti bl-ogħla u l-aktar kwalifiki.

Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

Employment and the Family, Great Siege Road, Floriana or Customer Service, Education Office, Victoria Gozo by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +35621225630.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Ministry of Education, Employment and the Family within seven (7) days.

18th May, 2010

POLICE DEPARTMENT

Applications for Admission to the Course of Training for Male and Female Police Constables

The Commissioner of Police invites applications from male and female candidates for admission to a one year course for Police Constables at the Police Academy. During the time that the candidates are attending the course at the Academy they will receive the then current basic minimum wage and half the bonus in accordance with section 29 of the Conditions of Employment (Regulation) Act until the final examination result at the Police Academy is published.

2 (i) Candidates must:

(a) have attained their eighteenth (18) birthday but not their thirtieth (30) birthday on 11th June, 2010.

(b) be of a minimum height of 1.70m in the case of males and 1.65m in the case of females when standing on their bare feet.

(c) possess grades, D or 6, in not less than 3 subjects at Ordinary level; two of which must be Maltese and English Language or be in possession of a BTEC/MCAST first diploma or a diploma from a recognised university. Candidates who are in possession of a pass grade in any subject at City & Guilds Level 2 will also be considered. Preference will be given to applicants with higher qualifications.

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with the applications; originals to be produced for verification at the interview).

Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa min-National Academic Recognition Information Centre (NARIC) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja jew l-awtorità kompetenti skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(d) medikament b'saħħithom f'kull rispett, kemm fiżikament kif ukoll mentalment, skont l-i*standard* mediku ta' saħħa fil-Korp biex ikunu jistgħu jaqdu d-doveri kollha ta' Pulizija.

(e) ta' karattru morali tajjeb.

(f) ċittadini ta' Malta.

2 (ii) Dawk l-applikanti li jkunu qed jistennew il-pubblikazzjoni tar-riżultati fil-Livell Ordinarju u/jew Avvanzat u/jew City and Guilds jistgħu japplikaw proviżorjament iżda jkunu meħtieġa jippreżentaw iċ-ċertifikati neċessarji sad-data tal-intervista.

3. Effiċjenza Fiżika/Intervista/Test Mediku

(a) Eżami mediku preliminari:

L-applikanti li jikkwalifikaw ikunu meħtieġa joqogħdu għat-test ta' Effiċjenza Fiżika, biex jiġi żgurat li huma f'saħħithom skont l-i*standards* tal-Korp tal-Pulizija.

Il-livell minimu tat-Test fl-Effiċjenza Fiżika fih dawn it-tliet partijiet:

1 Mile Run	Irġiel 10.30 min	Nisa 12.30 min
Push-Ups (Repetizzjonijiet)	15	10
Sit-Ups (Repetizzjonijiet)	25	20

Il-kandidati jridu mill-anqas jilħqu l-i*standard* minimu f'kull parti tat-test fl-Effiċjenza fiżika, biex jitqiesu li għaddew mit-test fl-Effiċjenza Fiżika. Il-kandidati li ma jgħaddux minn xi parti tat-*test* fl-Effiċjenza Fiżika, ikunu jistgħu jerġgħu jagħmlu *re-sit* ta' dak it-test partikulari, fi żmien ġimgħa wara li jkun sar l-ewwel test komplut.

It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the National Academic Recognition Information Centre (NARIC) within the Ministry of Education, Employment and the Family or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as it becomes available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

(d) be medically fit in all respects, physically and mentally, in accordance with the medical standards of fitness in the Force to be able to perform all Police duties.

(e) be of good moral character.

(f) be citizens of Malta.

2 (ii) applicants who are waiting for the publication of the results at Ordinary and/or Advanced Level and/or City and Guilds may apply provisionally but will have to present their required certificates by the date of the interview.

3. Physical Efficiency/Interview/Medical Test

(a) Preliminary medical test:

Eligible applicants will be subject to a Physical Efficiency Test to ensure fitness to Malta Police Force standards.

The minimum standards of the Physical Efficiency Test will comprise the following three components:

1 Mile Run	Males 10.30 mins	Females 12.30 mins
Push-Ups (Repetitions)	15	10
Sit-Ups (Repetitions)	25	20

Candidates must at least attain the minimum standard in each component of the Physical Efficiency Test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test. Candidates who fail in one component will be allowed to re-sit that one particular component, within a week from the first complete component.

Huma dawk il-kandidati biss li jgħaddu mill-partijiet kollha tat-*test* fl-Effiċjenza Fiżika li jitħallew ikollhom l-intervista.

(b) Intervista Selettiva:

Intervista selettiva intiża biex ikunu magħrufa dawk il-kwalitajiet personali tal-kandidati, bħal personalità, żveltezza, intelliġenza, komportament personali, kortesija, sens komun, u oħrajn, meħtieġa minn Kuntistabbli tal-Pulizija.

(ċ) Eżami Mediku.

Il-kandidati li ma jgħaddux mill-intervista u/jew minn xi wieħed mill-eżamijiet mediċi ma jitħallewx isegwu l-kors ta' taħriġ.

4. Il-pożizzjonijiet vakanti jimtlew skont l-ordni ta' mertu finali fl-eżamijiet wara li jitlesta l-kors fl-Akkademja. L-ordni ta' mertu jibqa' jgħodd sa sentejn minn notifika tar-riżultati u dan sabiex eventwalment ikunu jistgħu jimtlew pożizzjonijiet vakanti oħra.

5. Il-kandidati li jintgħażlu, u li diġà huma marbutin bi ftehim f'xi skema oħra ta' apprendistat, ma jkunux jistgħu jidħlu f'din l-iskema sakemm ma jġibux ċertifikat mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ li jħollhom mill-ftehim ta' l-iskema ta' apprendistat ieħor.

6. Il-kandidati magħżula għall-kors, li jkunu magħrufa bħala Kuntistabbli tal-Pulizija fuq Taħriġ, ikunu intitolati għal uniformi b'xejn, u jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu prattika ta' xogħol fuq *shift* taħt sorveljanza, li jinkludi xogħol bil-lejl u/jew xogħol manwali kif meħtieġ. Parti mit-taħriġ fl-Akkademja tal-Pulizija jkun fuq bażi residenzjali.

7. Il-kandidati jkunu suġġetti għad-dixxiplina, anke matul il-perjodu ta' taħriġ fl-Akkademja tal-Pulizija, skont l-Att dwar il-Pulizija, Kapitolu 164.

8. Il-perjodu ta' taħriġ fl-Akkademja jkun jikkonsisti f'kors inizjali ta' sena taħriġ komprensiv, li matulha l-Kuntistabbli tal-Pulizija fuq taħriġ għandhom isegwu dawk il-korsijiet ta' studju, u jagħmlu l-eżamijiet kif ikun mitlub fil-kors ta' taħriġ, skont ir-regolamenti ġodda tal-kors. L-imsemmi taħriġ komprensiv isir fl-Akkademja tal-Pulizija u/jew f'lokalitajiet u/jew postijiet oħra skond il-ħtieġa. Matul dan il-perjodu, il-Kuntistabbli tal-Pulizija fuq Taħriġ ikunu evalwati fil-prattika u t-teorija minn żmien għal żmien. Kandidati li ripetutament ma jirnexxilhomx jilħqu l-livell meħtieġ, jista' jkollhom it-taħriġ tagħhom terminat f'kull żmien.

9. Applikanti li fid-data ta' għeluq tal-applikazzjoni jkollhom ċertifikati tal-G.C.E., u/jew tal-Matrikola Lokali

Only candidates who pass in all the components of the physical test will proceed to the selective interview.

(b) Selective Interview:

A selective interview designed to bring to the fore those personal qualities in a candidate, such as personality, alertness, intelligence, personal bearing, courtesy, common sense, etc., required of a Police Constable.

(c) Medical test:

Candidates who fail in the interview and/or in any part of the medical tests will not be allowed to join the course of training.

4. Vacant posts will be filled according to the final order of merit in the examinations following the course at the Academy. The order of merit will continue to subsist for a period of 2 years from the notification of results in order to fill eventual vacancies.

5. Successful candidates who are already bound by an agreement of apprenticeship shall be precluded from proceeding further with the course, unless they obtain from the Employment and Training Corporation a certificate of their release from the agreement.

6. Candidates admitted to the course, who shall be known as Trainee Police Constables, will be entitled to free issue of uniforms. They might be requested to do practical work on a shift basis, under surveillance, which assignment would include night work and/or manual work as necessary. Part of the training at the Police Academy may be on a residential basis.

7. Candidates will be subject to discipline, even during the traineeship period at the Police Academy, as provided for in the Police Act, Chapter 164.

8. The traineeship period at the Academy will consist of an initial one year comprehensive course of training, during which Trainee Police Constables will be required to follow such study courses and sit for such examinations as are laid down in the course of training, according to new course regulations. The aforementioned comprehensive course will be held at the Police Academy and/or elsewhere as necessary. During this period Trainee Police Constables will be assessed practically and theoretically from time to time. Trainees who repeatedly fail to reach the required standards may have their training terminated at any time.

9. Candidates who on the closing date of applications, are in possession of G.C.E., Matriculation and/or S.E.C.

u/jew tas-S.E.C. f'livelli Ordinarji u/jew Livell 3 fis-City & Guilds u/jew ċertifikati fl-livell Avvanzat, u/jew ta' Diploma Ogħla mill-MCAST u/jew Degree maħruġ/a minn Università rikonoxxuta, aktar mir-rekwiżiti mitluba, jiġu preferuti mill-Bord tal-Għażla kemm-il darba huma jissodisfaw il-pre-rekwiżiti l-oħra kollha tal-applikazzjoni skont dan l-avviż.

10. Kandidati li jilħqu livell sodisfaċenti fl-aspetti kollha tal-kors inizjali ta' sena jkunu eliġibbli biex jinħatru Kuntistabbli bi prova għal sentejn. Il-ħatriet isiru skont il-pożizzjonijiet vakanti eżistenti kif provdut f'Paragrafu 4. L-aħħar ordni ta' mertu tkun determinata mit-total ta' marki miksuba matul il-kors kollu ta' taħriġ. Dawk li jiksbu livell ta' distinzjoni jistgħu jingħataw l-opportunità li jieħdu taħriġ avvanzat. Dawk li ma jilħqux il-livell meħtieġ ma jinħatrux Kuntistabbli u l-perjodu ta' taħriġ tagħhom jiġi terminat. Madankollu, jista' jingħatalhom ċans ieħor biex jerġgħu jagħmlu l-eżami/eżamijiet finali.

11. Matul il-perjodu ta' sentejn bi prova bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, ir-rekluti ġodda jkunu meħtieġa jkomplu bil-kors ta' taħriġ prattiku fil-Korp tal-Pulizija, li matulu:

(a) jiġu assenjati f'dawk is-Sezzjonijiet tal-Korp skont kif jidhirlu li jkun l-aħjar il-Kummissarju tal-Pulizija, u

(b) ikunu evalwati kull erba' xhur. Il-progress ta' kull kandidat jiġi evalwat fit-tmiem ta' kull test.

Pulizija Kuntistabbli bi prova li ripetutament ma jirnexxilhomx jilħqu l-livell meħtieġ fl-evalwazzjoni ta' kull erba' xhur jista' jkollhom il-ħatra tagħhom terminata fit-tmiem tal-perjodu ta' prova.

Pulizija Kuntistabbli bi prova jistgħu wkoll ikunu meħtieġa jagħmlu korsijiet jew iservu barra minn Malta, skont l-eżiġenzi tas-servizz.

12. Is-salarju inizjali ta' Kuntistabbli tal-Pulizija jkun ta' €12,132. fis-sena, li jitla' b'żieda, sa massimu ta' €15,933.

13. L-applikazzjonijiet jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani, fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, u għandhom jittieħdu hemmhekk personalment, mimlija kif suppost, mill-applikanti nfushom sa mhux aktar tard mil-Ġimgħa, il-11 ta' Ġunju, 2010.

14. Dawk kollha li japplikaw għandhom jieħdu magħhom il-Karta tal-Identità tagħhom, żewġ ritratti riċenti d-daqs tal-passaport, u ċertifikat oriġinali tal-eżamijiet li jkunu għaddew minnhom kif imsemmija f'paragrafi 2 u 9 hawn fuq, flimkien maċ-ċertifikati ta' kwalifiki oħra li jkollhom.

It-18 ta' Mejju, 2010

certificate at Ordinary and/or City & Guilds Level 3 certificate and/or Advanced Level, and/or of a Higher Diploma issued by MCAST and/or Degree issued by a recognised University, over and above the requisites in 2, shall be given preference by the Selection Board provided that they satisfy all other pre-requisites of their application according to this notice.

10. Trainees who reach a satisfactory level in all aspects of the initial one year course will be eligible for appointment as Police Constables on probation for two years. Appointments shall be made subject to existing vacancies as provided for in paragraph 4. The last order of merit will be determined by the total marks obtained during the whole course of training. Those who reach distinction level may be given the opportunity to undertake further advanced training. Those who fail to reach the required standard will not be appointed Constables and will have their traineeship terminated. However, one other chance of a re-sit for the final examination/s might be given.

11. During the ensuing period of two years probation as Police Constables, the newly recruited constables will be required to continue with a practical training-probation course within the Police Force, in which:

(a) they will be assigned to those Sections of the force that the Commissioner of Police thinks fit, and

(b) they will be assessed on four-monthly assessments, in which the progress of every candidate will be evaluated.

Probationary Police Constables who repeatedly fail to reach the required standard in these four-monthly assessments may have their appointment terminated at the expiration of the period of probation.

Probationary Police Constables may also be required to train and serve abroad according to the exigencies of the service.

12. The starting salary for the post of Police Constable is of €12,132 per annum rising up to a maximum of €15,933.

13. Applications, the only ones admissible, may be obtained from the Human Resources Branch, Police General Headquarters, Floriana, and submitted there personally by the applicants themselves, duly filled in, by not later than Friday, 11th June, 2010.

14. Persons calling to apply are to take with them their identity card, two recent passport size photographs and the original certificates of exams they have obtained a pass in and that are referred to in paragraph 2 and 9 above, together with certificates of other qualifications they possess.

18th May, 2010

AWTORITÀ TAL-ISTATISTIKA TA' MALTA

Post ta' Statistiku
fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

L-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta tgħarraf li qed tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Statistiku fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

2. Ir-remunerazzjoni għall-post ta' Statistiku tinkludi salarju ta' €17,722 fis-sena li jiżdied b'ammont ta' €900 kull sena skont il-ftehim kollettiv sa massimu ta' €22,222 fis-sena, flimkien ma' benefiċċji oħra bħal *allowance* għall-kwalifiki.

3. Din in-nomina, li tkun soġġetta għal żmien bi prova ta' sena, hija fuq bażi *full-time* b'kuntratt ta' tliet snin, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra, u suġġetta għar-regoli u r-regolamenti li jiggvernaw minn żmien għal żmien l-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' Statistiku jinkludu:

it-tfassil ta' metodi u proċeduri biex tinġabar data statistika permezz ta' *surveys,* sorsi amministrattivi u kwestjonarji;

l-użu ta' teknika statistika u mudelli statistiċi biex isiru stimi, tbassir u analiżi;

il-kumpilazzjoni ta' rapporti statistiċi u analitiċi;

xogħol ta' riċerka f'materji ta' natura statistika u żviluppi internazzjonali fil-metodoloġiji tal-istatistika;

5. L-applikanti għandhom:

a) i. ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

ii. ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

iii. ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-moviment ħieles ta' persuni (f'każ ta' diffikultà, il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea);

JEW

iv. il-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii), u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni

MALTA STATISTICS AUTHORITY

Post of Statistician at the
National Statistics Office

The Malta Statistics Authority invites applications for the filling of the post of Statistician at the National Statistics Office.

2. The remuneration for the post of Statistician is a salary of €17,722 p.a., rising by annual collective agreement increases of €900 up to a maximum of €22,222 p.a., together with other benefits including allowances for qualifications.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and on a three-year contract, which may be renewed for further periods. The appointment is subject to the rules and regulations governing from time to time employment with the Malta Statistics Authority.

4. The duties of a Statistician include:

the design of methods and procedures for obtaining data through surveys, administrative sources and questionnaires;

the use of statistical techniques and models for estimation, forecasting and analysis;

the compilation of statistical and analytical reports;

the undertaking of research into statistical issues and international statistical methodological developments

5. Applicants must:

a) i. be citizens of Malta;

OR

ii. be citizens of another European Union Member State;

OR

iii. be citizens of other countries to which the European Union provisions on the free movement of persons apply; (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which European Union provisions apply);

OR

iv. be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta

eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Għan-nomina ta' kandidat kif imsemmija f'paragrafi (ii), (iii), u (iv) hawn fuq, ikun neċessarju l-ħruġ ta' liċenzja tal-impjieg hekk kif huwa meħtieġ fl-Att tal-Immigrazzjoni u Leġiżlazzjoni Sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ċ) i. ikunu gradwati tal-anqas bi grad Honours fl-iStatistika jew fl-Ekonomija jew suġġetti relatati, bi klassifikazzjoni Second Class Lower bħala minimu.

JEW

ii. bħalissa qegħdin fir-raba' (4) sena fl-Università ta' Malta sabiex jiggradwaw bi grad Honours fl-Istatistika jew Ekonomija jew suġġetti relatati, bil-kundizzjoni li dawn eventwalment ikollhom il-klassifikazzjoni f'paragrafu (ċ)(i) hawn fuq.

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb. Għandu jiġi ppreżentat ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa. Impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jistgħu japplikaw iżda jkunu jridu jirriżenjaw jekk jintgħażlu għal din il-pożizzjoni.

e) jagħtu prova tal-kompetenza tagħhom fl-użu tal-kompjuter.

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabiltà (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office.

Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, Lascaris, Valletta VLT 2000 u tkun ikkupjata lill-KNPD, sad-data tal-għeluq.

under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Department of Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

c) i. be in possession of an Honours degree in Statistics or Economics and related subjects, with a Second Class Lower Classification as a minimum.

OR

ii. are in the fourth (4) year at the University of Malta reading for an Honours degree in Statistics or Economics or related subjects, subject to achieving an Honours degree as stipulated in (c)(i).

d) be of good moral character. A recent Police certificate of conduct, or issued by another competent Authority, issued not earlier than six (6) months from the date of this call should be presented. Employees serving in the Public Service of Malta may also apply but they must resign their position if chosen for the post of Statistician.

e) Supply proof of their competence in computer use.

6. Applicants registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of all eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Director General, National Statistics Office, Lascaris, Valletta VLT 2000 and copied to the NCPD, by the closing date.

7. Applikazzjonijiet *handwritten* flimkien ma' *curriculum vitae* dettaljat li juri l-kwalifiki u l-esperjenza ta' xogħol, kif ukoll kopji ta' ċertifikati u dokumenti oħra għandhom jintbagħtu lid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, Lascaris, Valletta VLT 2000. Ċertifikati u dokumenti oħra oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista.

8. Persuni li jinħatru fil-post ta' Statistiku jistgħu jkunu mibgħuta jsegwu kors ta' studju u/jew taħriġ f'Malta jew barra minn Malta. Min jintbagħat barra minn Malta jkun marbut bir-regoli u regolamenti tal-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta.

9. L-applikanti eliġibbli jiġu intervistati minn Bord ta' Għażla sabiex jiġi stabbilit jekk humiex adatti għal dan il-post.

10. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li jkunu adatti għal dan il-post.

11. Applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, Lascaris, Valletta VLT 2000 sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tlieta, l-1 ta' Ġunju 2010.

12. Applikazzjonijiet li jiġu minn barra minn Malta permezz tal-posta, *fax* jew *e-mail* sad-data tal-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji rikjesti kollha. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika huwa (+356) 2599 7103 u l-indirizz tal-e-mail huwa nso@gov.mt

13. Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika għal kull applikazzjoni li titwassal personalment.

14. Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jiġu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu mhux aktar tard mid-data tal-għeluq, u applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Tintbagħat irċevuta mid-Direttur Ġenerali, Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika fi żmien sebat (7) ijiem.

Numru tal-Permess tal-ETC: 70/2010
MPO 69/2005/2

It-18 ta' Mejju, 2010

7. Handwritten applications, together with a detailed curriculum vitae showing qualifications obtained and work experience, together with copies of certificates and testimonials, should be sent to the Director General, National Statistics Office, Lascaris, Valletta VLT 2000. Original certificates and testimonials are to be presented during the interview.

8. The persons appointed to the post of Statistician may be required to follow courses and/or training locally or abroad. Appointees sent abroad will be bound by the rules and regulations of the Malta Statistics Authority.

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for this post.

10. The selected applicants shall be required to undergo a medical exam to ascertain their fitness for the post.

11. Applications will be received in the first instance by the Director General, National Statistics Office, Lascaris, Valletta VLT 2000 by not later than noon of Tuesday, 1st June 2010.

12. Applications received from abroad by post, fax or e-mail by the closing date will be considered, provided that all requisite details are given. The formal application, duly signed by the applicant, must reach the National Statistics Office by not later than one week after the closing date, together with an explanation for the delay. The National Statistics Office's fax number is (+356) 2599 7103 and the e-mail address is: nso@gov.mt

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General of the National Statistics Office, and a receipt will be given at the time of delivery.

14. Applications by post should be sent by registered mail in good time to ensure delivery by the above deadline. Late applications will not be accepted. The applications will be acknowledged by the Director General of the National Statistics Office within seven (7) days.

ETC Permit Number: 70/2010
MPO 69/2005/2

18th May, 2010

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Applikazzjonijiet biex jimtlew Vakanzi

Direttur tal-Affarijiet Internazzjonali u Assoċjazzjonijiet
ETC Permit Nru. 93/2010, MPO/205/2005/26

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) jilqa' applikazzjonijiet biex timtela l-vakanza ta' Direttur tal-Affarijiet Internazzjonali u Assoċjazzjonijiet

Taħt id-direzzjoni tal-Prinċipal u s-CEO, ir-responsabbiltajiet tal-kandidat magħżul ikunu jinkludu, iżda ma jkunux limitati biss għal: li jiżviluppa assoċjazzjonijiet bejn il-Kulleġġ u setturi ekonomiċi oħra, jistabbilixxi u jżomm relazzjonijiet tajbin ma' istituzzjonijiet internazzjonali, u jimmonitorja l-mobbiltà u programmi ta' skambju hekk li jiżgura taħriġ ta' kwalità u l-aħjar użu tar-riżorsi.

Rekwiżiti:

Degree Universitarja fil-qasam tax-xjenza/tekosnoloġija
Master's degree fil-*Management*
Tal-anqas ħames (5) snin esperjenza fi stabbiliment industrijali u/jew edukattiv/ta' taħriġ.

